Australian Government

myagedcare

Tirċievi r-riżultat tal-assessjar tiegħek | Tfittex il-provdituri tal-kura fid-dar u taħdem il-prezzijiet | Tkun assenjat/a pakkett ta' kura fid-dar | **Tagħmel Ftehim ta' Kura fid-Dar** | Timmaniġġja s-servizzi tiegħek

# Tagħmel Ftehim tal-Kura fid-Dar - Konsiderazzjonijiet u Lista ta' x'Tiċċekkja

| X'GĦANDEK TIKKUNSIDRA | GĦALIEX |
|---|---|
| X'inhuwa inkluż fil-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar? | Il-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar juri kif is-servizzi tiegħek ser ikunu pprovduti, min se jipprovdihom u kemm ser ikunu jiswew. Il-Ftehim tiegħek ser jinkludi:<br>• Pjan ta' kura – ifisser is-servizzi li tkun ser tirċievi skont il-pakkett tiegħek li jikkunsidra jew l-miri u l-preferenzi individwali tiegħek<br>• Baġit individwali – jurik il-fondi disponibbli fil-pakkett tiegħek u kif dawk il-fondi jkunu ser jintefqu.<br>Jekk maż-żmien il-ħtiġijiet tal-kura tiegħek jinbidlu, il-pjan tal-kura u l-baġit iridu jkunu aġġornati biex jirriflettu l-bdil fil-pjan tal-kura jew l-ispejjeż. |
| Il-baġit (pakkett tal-kura fid-dar) individwali tiegħek | Iddiskuti l-baġit tiegħek tal-pakkett tal-kura fid-dar mal-provditur biex tara liema servizzi tkun tista' taffordja.<br>Il-baġit tal-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar huwa magħmul minn:<br>• Sussidju tal-gvern (u supplimenti eliġibbli)<br>• Tariffa bażika ta' kuljum li kull min jirċievi pakkett tal-kura fid-dar jista' jintalab biex iħallas. Din hija tariffa li tkun neguzjata bejnek u bejn il-provditur tiegħek<br>• Tariffa skont it-test tad-dħul tiegħek. Jiddependi mid-dħul assessibbli tiegħek jekk jistax jkollok tħallas din (jekk għamilt Ftehim tal-Kura fid-Dar wara l-1 ta' Lulju 2014Kull somma oħra li tkun ftehimt li tħallas.<br>• Kull ammont ieħor li tkun aċċettajt li tħallas. |
| Il-provditur jiċċarġja tariffi amministrattivi – x'inhu kopert b'dawn? | Kull provditur ikollu spejjeż amministrattivi assoċjati mal-provvediment tal-kura u s-servizzi. Kun ċar/a dwar xi jkunu dawk l-ispejjeż u kemm se jiċċarġjawk. Iċ-ċarġis jissejħu b'mod differenti minn provdituri differenti għalhekk itlob kjarifika dwar xi jkun kopert b'dawn. Per eżempju, jistgħu jkunu mniżżla bħala tariffi tal-imaniġġjar tal-każ jew tal-pariri li jingħataw. |
| Jekk nibdel il-provdituri irrid inħallas xi tariffa? | Il-provdituri jistgħu jiċċarġjaw somma tat-ħruġ li tkopri xi spejjeż amministrattivi li jkunu daħlu fihom.<br>Ikkjarifika x'somma tal-ħruġ jiċċarġjawk (jekk hemm) jekk tiddeċidi li tibdel il-provdituri u xi perjodu minimu tal-kuntratt jekk ikun applikabbli. Il-provditur tiegħek irid juri din is-somma tal-ħruġ fil-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar u tista' tara wkoll din is-somma fil-websajt ta' My Aged Care **www.myagedcare.gov.au**. |

| | |
|---|---|
| X'informazzjoni tkun koperta fir-rapport tiegħi? | Tirċievi rapporti kulll xahar li juru kif il-baġit tal-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar ikun qiegħed jintefaq. Ir-rapport ikun juri d-dħul u .n-nefqa għall-pakkett tiegħek u kull ammont tal-kura fid-dar li ma jkunx intefaq biex inti tkun tista' tkun taf xi tkun qed tonfoq.<br><br>Kull ammont tal-kura fid-dar li ma jkunx intefaq jinġarr minn xahar għall-ieħor u minn sena għall-oħra, sakemm tkompli tirċievi l-kura skont il-pakkett. Jekk trid iktar informazzjoni dwar kif tirċievi r-rapport iddiskuti dan mal-provditur. |
| X' jiġri jekk inkun ninħtieġ l-għajnuna fl-interpretar tal-Ftehim tiegħi tal-Kura fid-Dar? | Jekk tinħtieġ interpretu biex jgħinek tiżviluppa l-Ftehim tal-Kura fid-Dar, il-baġit u l-pjan ta' kura għandek titlob lill-provditur biex jirranġalek ħin mas-Servizz tat-Traduzzjoni u l-interpretar (TIS Nazzjonali). It-TIS toffri servizzi tal-interpretar bit-telefon jew fil-post b'iktar minn mitt lingwa u jistgħu jintużaw mingħajr ħlas meta tkun qed taħdem mal-provditur biex tiżviluppa jew tirrevedi d-dettalji tal-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar. |
| Jiena nifhem it-termini tal-Ftehim tiegħi tal-Kura fid-Dar? | Il-provditur tiegħek għandu r-responsabbiltà biex jgħinek tifhem it-termini tal-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar u huwa importanti li tkun kuntent/a u żgur/a mill-informazzjoni li tkun fil-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar qabel tiffirmah.<br><br>Aqra bl-attenzjoni. Agħmel lista ta' mistoqsijiet u tħassib u ddiskutihom ma' xi ħabib/a, membru tal-familja, xi ħadd li jdur b'ħaddieħor jew avukat qabel ma tiddiskutihom mal-provditur. Tista titlob ukoll parir indipendenti legali jekk tkun tixtieq.<br><br>La darba tkun kuntent/a b'dak li jkun hemm fil-Ftehim tkun tista' tiffirmah. U dan ikun il-kuntratt tiegħek biex tibda tirċievi s-servizzi. |
| Nista' nbiddel il-Ftehim tiegħi tal-Kura fid-Dar? | Il-Ftehim tal-Kura fid-Dar huwa tiegħek għalhekk tista' titkellem mal-providtur tiegħek f'kull żmien dwar tibdil. Kull tibdil fit-termini tal-Ftehim tiegħek huwa suġġett għal kunsens tiegħek u tal-provditur tiegħek. Tkellem mal-provditur tiegħek dwar dan il-proċess. |

## LISTA TA' X'TIĊĊEKKJA

- ☐ Ikkonferma minn ser iwassallek is-servizzi, kemm spiss u fejn ser iwasslu s-servizzi.
- ☐ Ipprovdi lill-provditur tiegħek il-pjan ta' sapport u r-riżultat tal-assessjar tad-dħul tiegħek.
- ☐ Ikkjarifika t-tariffi u l-prezzijiet assoċjati mat-twassil tas-servizzi tiegħek.
- ☐ Aħdem mal-provditur tiegħek biex tfassal pjan ta' kura li jaqdi l-ħtiġijiet u l-bżonnijiet ta' kura tiegħek.
- ☐ Irrevedi l-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar ma' membru tal-familja, xi ħadd li jdur b'ħaddieħor, ħabib/a jew avukat. Jekk tkun trid tista' wkoll titlob parir legali indipendenti.
- ☐ Iffirma l-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar u ibda irċievi s-servizzi.



11694 November 2016